## PRANZU TA' ĠIEH MOGĦTI LIL DR. A. CREMONA, D.Lit. (Hons.) MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

Nhar is-Sibt, 2 ta' Lulju, 1960, il-''Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'' tat pranzu ta' ġieh lil Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.) bħala tifkira ta' għeluq it-tmenin sena, u bħala rikonoxximent ċkejken tal-ħidma kbira u siewja tiegħu għall-mixi 'l quddiem ta' l-Ilsien Malti, il-''Għaqda'' dak in-nhar ippreżentatlu rigal ċkejken: tokka tal-fidda għamla ta' rixa. Saru diskorsi mill-President, Prof. Dr. Ġużè Galea, M.D., D.P.H., M.B.E., u minn Dr. A. Cremona, D.Lit. (Hons.). Ġużè Cardona qara poeżija ta' l-okkażjoni.

### DISKORS TAL-PRESIDENT

Il-President, Professur Ġużè Galea, qal kelmtejn fejn semma li aħna f'Malta għandna vantaġġ li ma ssibux f'pajjiżi oħra: billi aħna żgħar, aktar hi ħaġa ħafifa li nsiru nafu lil xulxin. Jekk bniedem ikun dħuli, ħabrieki, iħobb jagħmel pjaċir u jagħti parir u għaref, bħas-Sur Nin Cremona, dana mhux biss jagħmel isem fost il-poplu iżda jitħabbeb u jsir ta' ġewwa ma' kotra kbira ta' nies.

Is-Sur Cremona l-lum sar figura nazzjonali u hu miżmum b'għożża kbira mill-poplu. Hu għadda għomru jħabrek, iħawtel u jxettel fil-qasam letterarju, għalhekk kienet ħaġa tassew xierqa li l-ħidma tiegħu tkun magħrufa mill-ogħla ċentru ta' koltura tal-Gżira, l-Università Rjali tagħna, li ħatritu bħala wieħed minn uliedha u żejnitu bil-grad ta' Duttur fil-Letteratura — D.Lit. (Hon. Causa).

Dan il-ġieh mogħti lis-Sur Nin isebbaħ ukoll lill-''Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'' billi s-Sur Nin mhux biss kien wieħed mill-fundaturi tagħha, imma għadda ħajtu jaħdem għaliha u jħabrek biex dejjem jaraha tgħaddi aktar 'il quddiem u tikber u tikseb ir-rispett tal-poplu. Tant hu hekk, li ħafna nies magħrufin ferħu mhux biss lis-Sur Nin, iżda wkoll lill-Għaqda għall-unur mogħti mill-Università.

Għalhekk jixraq ħafna li l-Membri Akkademiċi jifirħu bil-qalb kollha lid-Duttur Ninu Cremona, id-Dekan tagħhom, u juruh il-qima li għandhom lejh u fuq kollox jixtiqulu għomor twil biex igawdi dak il-ġieh kbir u wkoll biex jissokta jagħmlilhom il-qalb u l-ħila ħalli jwettqu l-ideal tagħhom, il-glorifikazzjoni ta' l-Ilsien Malti.





## TWEĠIBA TA' DR. A. CREMONA, D.Lit. (Hons.)

President, Sħabi tal-Għaqda,

Nirringrazzja bil-qalb kollha l-ewwelnett lill-President tal-*Għaqda*, il-Prof. Galea, ta' l-erba' kelmiet sbieħ li għoġbu jgħid fuqi, it-tieni lil sħabi tal-*Għaqda* li għoġobhom jistidnuni għal dan il-pranzu ta' ġieh u onorawni bil-preżenza tagħhom, kif ukoll nirringrazzja lill-Membri tal-*Għaqda* kollha li għoġobhom f'din l-okkażjoni joffruli dan ir-rigal sabiħ bħala tifkira ta' għożża għall-unur li l-Università għoġobha tagħtini — rigal li jiena nibqa' ngħożż fost l-egħżeż tifkiriet li għandi.

Il-ferħ tal-*Għaqda* f'din l-okkażjoni għalija għandu tifsira wisq iżjed sentimentali, wisq iżjed qawwija minn dik ta' ħadd-ieħor fil-kamp soċjali — ferħ fost dik il-familja li titgħaxxaq bil-ġieh ta' xi wieħed minn niesha, ferħ li jirrifletti fuq l-isem ta' l-istess *Għaqda* għax kull ġieh bħal dan ifisser rebħ ta' prestiġju tal-*Għaqda* — rebħa tal-Lsien Malti.

Jien ma nistax madankollu nqis il-valur ta' din it-tifsira ta' ġieh li l-Università għoġobha tagħtini mingħajr ma nħares lejn l-istorja tal-*Għaqda*.

Nibda biex ngħid illi x-xogħol ta' studju tal-Malti, sew fil-kamp letterarju kemm fil-kamp xjentifiku, il-pubblikazzjonijiet ta' proża u versi bil-Malti fl-40 sena ta' ħajja tal-*Għaqda* minn kittieba tal-Malti, li kisbu xi ġieh jew isem għal xogħolhom, aħna nafuh mill-attivitajiet u spirtu li qiegħed iżomm ħajja din il-*Għaqda*. Ix-xogħol letterarju li sar mill-kittieba tal-Malti f'dan il-perijodu ta' żmien qasir ma sarx minn kittieba oħra ta' qabel fil-mitt sena ta' qabel ma twieldet l-*Għaqda*.

Għandna nistqarru, madankollu, li jekk il-lum il-*Għaqda* waslet biex ħadet isem, hija u l-kittieba tagħha, dana nafuh l-ewwelnett lil dak il-Missier tal-Lettratura Maltija li fostna l-lum għandu min jixhdu sew f'demmu kemm fil-pinna tiegħu — irrid ngħid għall-ewwel President tal-*Għaqda*, il-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi. Kien hu li qabel ma twaqqfet l-*Għaqda*, mad-